# KUNSILL LOKALI LIJA

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941


## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NR 16 – L-ERBGHA 1 TA' SETTEMBRU 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu f'Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr. Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr. Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti inqraw u wara li kienu approvati gew iffirmati mis-Sindku u S-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa gew approvati fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

## 2. PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP - TOROQ

2.1 Ir-raprezentant tal-kunpanija Polidano Brothers li inatat it-tender PPP toroq fl-ahhar laqgha tal-Kunsill kien prezenti biex jiffirma l-kuntratt ta' dan ix-xoghol.

2.2 Wara diskussjoni u spjegazzjoni dwar dettalji fuq il-kuntratt, minnbarra l-kuntratt fit-'tender documents' giet iffirmata ukoll bejn il-Kunsill u Polidano Brothers, skrittura

ohra li kienet tinkludi dati ohra ta’ meta ser jinbeda ix-xoghol u meta huwa mahsub li dan ikun tlesta. Din l-iskrittura tinkludi ukoll kundizzjonijiet dwar il-livell tax-xoghol li ghandu jsir.

2.3 Il-Perit, Mr. John Rizzo Naudi, li kien ukoll prezenti ghandu jiehu hsieb landament ta dan il-progett bhala Contract Manager ta’ dan il-Kunsill.

## 3. KUNTRATT TA’ GBIR TA' SKART

3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv, Mr. Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill li l-kuntratt ta’ gbir ta’ skart domestiku kien wasal biex jiskadi u mhux possibli li jerga’ jiggedded.

3.2 Il-Kunsill ghandu jibda l-process biex jippublika tender fuq kuntratt gdid li kien imfassal ghal dan il-ghan mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

3.3 Il-Kunsill approva biex jinbeda l-process ta’ ‘tender’ f’dan ir-rigward.

## 4. KUNTRATTI KNIS BULKY REFUSE U LATRINI PUBBLICI

4.1 Il-Kunsill gie infurmat mid-Direttur Dipartiment Indafa Publika li l-kuntratti msemmija hawn fuq ser jigu terminati b’effet minn Ottubru li gej.

4.2 Il-Kunsill approva li ghandhom jsiru negozzjati mad-Dipartiment biex possibilment dan il-kuntratt jerga jiggedded. Kemm-il darba dan ma jkunx possibli ghandhom jibeda l-process ta’ ‘tendering’ ghal dawn il-kuntratti.

## 5. ATTIVITAJIET KULTURALI

5.1 Fuq il-proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia, il-Kunsill approva biex jinzammu zewg attivitajiet kulturali ghar-residenti tal-Lokal matul Settembru.

5.2 Dawn huma l-festival tal-hobz li jinzamm Hal Qormi fl-10 ta’ Settembru 2010 u Under Water Safari fil-15 ta’ Settembru 2010.

5.3 Cirkulari bid-dettalji tal-programm ghandha titqassam lil residenti nhar it-Tnejn 6 ta’ Settembru 2010.

## 6. DUMPING HDEJN IC-CIMITERJU TA' L-ABBATI

6.1 Is-segretarju Ezekkuttiv, Mr Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill dwar rapport ta' dumping ta materjal ta' konstruzzjoni hdejn ic-Cimiterju ta' L-Abbati, limiti ta Hal Mann.

6.2 Ghal raguni il-volum ta' dan il-materjal kien kbir, ix-xoghol biex dan jitnehha kien ser jiswa lill-Kunsill ammont ta' flus konsiderevoli.

6.3 Ghal din ir-raguni msemmija hawn fuq u biex dan l-att vandalu ma jergax jirrepeti ruhu sar rapport mis-Segretarju Ezekuttiv, Mr Alfred Buhagiar, mal-Pulizija.

6.4 Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll li dan il-kaz gie rizolt fi ftit granet mill-Pulizija bl-ghajnuna ta' l-Ispettur Kevin Farrugia li rnexxilu jaqbad lil min wettaq dan l-att imma ukoll naddaf il-materjal kollu fi zmien qasir.

## 7 DEVOLUZZJONI TAL-BELVEDERE

7.1 IL-Kunsilliera tkellmu dwar ir-risposta tal-MEPA ghat-talba tal-Kunsill biex jinghata l-permess biex jitwettaq restawr fit-Torri Belverdere.

7.2 Fost il-kundizzjonijiet li kien hemm, il-Kunsill kien mitlub biex jaghmel garanzjia ta' €46,000.

7.3 Ghal raguni li l-Kunsill ghandu fondi limitati, ghandha ssir oggezzjoni mal-MEPA biex din is-somma titnehha jew tkun imnaqqsa.

## 8 MEMO 118 - INIZJATTIVA AMBJENTALI

8.1 IL-Kunsill unanimament approva biex jifformola l-applikazzjoni biex jiehu parti fl-inizzjattiva ambjentali li qed tnidi l-kumpanija Vodafone, kif spjegat f'Memo 118.

8.2 Il-Kunsill ghandu jispjega l-upgrading li sar fic-Centru Rekreattiv, kemm bhala bandli u 'play area' ghat-tfal, kif ukoll tisbieh tal-gonna fl-istess Centru Rekreattiv.

## 9 SHELTERS HAL LIJA

9.1 Dr. Marc Sant ressaq proposta biex tingabar informazzjoni dwar shelters ta' zmien il-Gwerra li jezistu fil-Lokalita ta' Hal Lija.

9.2 Il-Kunsill unanimament approva din il-proposta u biex tingabar aktar informazzjoni ghandha ssir cirkulari lir-residenti biex dawn jghatu kull informazjoni li jista jkollhom dwar dawn is-shelters ta' zmien il-Gwerra f'Hal Lija.

## 10 PARKING TRIQ IL-FORN

10.1 Is-Sur Geremy Dalli ressaq proposta biex jsiru sinjali ta' traffiku minhabba problema li ghandu is-Sur Fenech, resident f'din it-Triq. Ghal raguni li l-bankina hija dejqa hafna, din l-persuna anzjana qieghed jkollha l-access ghad-dar taghha imblukkat bil-karozzi pparkjati quddiem il-bieb. Ghandu jittiehed parir ta' x'jista jsir biex jitnehha dan l-inkonvenjent anke jekk hemm bzonn isir talba ghal 'reserve' quddiem din ir-residenza.

## 11 Mistoqsijiet minn Dr. Marc Sant

1. Dr Marc Sant staqsa dwar ix-xoghol li sar fic-Centru Rikreattiv u jekk kienx hemm xi zviluppi dwar il-problemi li hemm b'xi madum li nqala minn postu u li huwa perikoluz ghan-nies u specjalment ghat-tfal li jzuru dan l-istess gnien

Risposta:

Il-Problema tal-madum li qed jinqala fil-passag tac-Centru Rekreattiv huwa rizultat ta' l-gheruq tas-sigar f'dan il-gnien. Biex tissolva din il-problema jinhtieg jinqala l-madum, jitnehhew l-gheruq u wara jerga jitpogga il-madum. Tista' tingabar stima ta' dan ix-xoghol mill-Perit tal-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti u jiehu decizjoni .

2. Dr Marc Sant staqsa jekk hemmx il-hsieb li l-Kunsill jibda' jaghti iktar importanza tal-bandli li hemm in-naha ta' Tal-Mirakli, x'inhu x-xoghol li bi hsiebu jsir u kemm huwa mahsub li dan idum sabiex jitlesta.

Risposta:

Il-Kundizzjoni prezenti tal-bandli fil-gnien tal-Mirakli ghadhom fi stat tajjeb u ssir manutenzjoni regolari mill-haddiema tal-Kunsill f'dan il-gnien. Fil-prezent ftit huma dawk it-tfal li jiffrekwentaw din il-play area. Meta jkun hemm fondi necessarji, l-Kunsill jkun jista' jiddiskuti u jiehu decizjoni biex jsir upgrading.

3. Dr Marc Sant issuggerixxa li meta jinfetah nhar ta' Sibt, il-Kunsill jibda jzomm karta bl-isem tal-persuna li tkun giet fl-ufficcju u ghaliex din il-persuna tkun giet.

Risposta:

L-Informazzjoni tan-nies li jigu l-Kunsill meta jkun miftuh ghal-pubbliku nhar ta Sibt qed tinzamm regolari.

4. Dr Marc Sant staqsa ghal taghrif dwar il-Pulizija li l-Kunsill kien juza matul il-weekends kif ukoll dwar x' kien gara mill green warden li l-Kunsill kien approva fil-laqgha ta' l-1 ta' Ottubru 2009.

Risposta:

Is-Sindku ikkonferma li l-Green Warden allokat fuq il-lokalita ta' Hal Lija ghadu jaghmel is-servizz tieghu fir-rahal ta' Hal Lija. U bhala rizultat wiehed jista' jirreferi ghan-numru tac-citazzjonijiet li nhargu skond ir-rapport mahrug mill-Kumitat Kongunt.

Dwar is-servizz tal-pulizija u l-warden fic-Centru Rekreattiv hemm spjegazzjoni fil-minuti numru 15 – tal-Hamis 11 t'Awissu 2010.

## 12 LAGHQA

12.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.45p.m.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinżamm nhar l-Erbgha 29 ta' Settembru 2010 fl-5.00p.m..

| | |
|---|---|
| Dr. Ian Castaldi Paris | Sur Alfred Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |